# L-GĦANJA TAL-POPLU

**FESTIVAL TAL-KANZUNETTA MALTIJA**
**2019 (43 Edizzjoni)**

**© L-Għanja tal-Poplu 1973 – 2019 (VO/0574)**
**W:** www.ghanjafest.com **E:** ghanjatalpoplu@gmail.com
**T:** 21233893 **H:** 21683761 **M:** 79923522

**Regolamenti**

## 1. IL-FESTIVAL

**1.1** Il-festival **L-Għanja tal-Poplu -** huwa festa ta' kanzunetti oriġinali bil-Malti, interpretati u akkumpanjati *live*.

**Il-festival hu organizzat mill-kumitat L-Għanja tal-Poplu flimkien ma' Pjazza Teatru Rjal u b'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti. Il-Malta Concert Orchestra ser tkun qed tagħti s-sehem tagħha f'dan il-festival b'ħidma id f'id mal-kompożituri tal-kanzunetti finalisti. L-Għanja tal-Poplu hija mgħejjuna mill-Kunsill Malti għall-Arti - *Cultural Parnership Agreement.***

**1.2** L-għanijiet ewlenija tal-festival huma:

(a) li jġib 'il quddiem il-kanzunetta Maltija ta' kwalità;
(b) li joħloq opportunità biex il-kompożituri u l-awturi jwasslu l-kanzunetta tagħhom lill-publiku Malti;
(ċ) li, anke wara l-festival, ikompli jgħin lill-artisti Maltin isibu udjenza dejjem ikbar għall-kanzunetta tagħhom.

**1.3** Il-festival jiżvolġi fi tliet fażijiet:

(a) l-ewwel fażi tal-għażla, li fiha mill-kanzunetti kollha sottomessi jintgħażlu numru ta' semi-finalisti.
(b) It-tieni fażi tal-għażla, li fiha jitkantaw l-kanzunetti semi-finalisti quddiem il-ġurija, u minnhom jintgħażlu l-kanzunetti finalisti.
(ċ) Is-serata finali - L-Għanja tal-Poplu, is-Sibt 31 ta' Awwissu, fejn jitħabbru r-rebbieħa.

## 2. IL-KANZUNETTI

**2.1** Biex jidħlu għall-festival il-kanzunetti jridu jkunu:
(a) oriġinali, jiġifieri l-lirika u l-mużika tagħhom qatt ma jkunu ġew ippublikati jew imxandra;
(b) b'lirika bil-Malti;
(ċ) mhux itwal minn tliet minuti u nofs.

**2.2 It-tema tal-kanzunetta hija libera**, jiġifieri l-awtur jista' jikteb fuq dak li jrid.

*Dan il-festival jinkoraġġixxi l-kitba ta' kanzunetti li jesprimu l-ħsibijiet, l-esperjenzi, il-gosti, ix-xewqat, ir-relazzjonijiet u l-aspirazzjonijiet kemm fuq bażi personali, jew bħala poplu fuq din il-gżira, jew bħala ċittadini tad-dinja. Kanzunetti b'tema ta' imħabba jew ħbiberija, umoristiċi, satiriċi jew trivjali, eċċetra, għandhom ukoll post f'dan il-festival.*

**2.3 L-istil mużikali huwa liberu.**
*Il-lingwa Maltija tadatta ruħha sew biex tkun interpretata b'diversi stili mużikali. Tajjeb għaldaqstant li wieħed jesplora idjomi u stili ġodda u innovattivi.*

**2.4** Dawn il-kriterji għandhom jgħinu sabiex wieħed jikteb kanzunetta ta' kwalita':

- Il-kanzunetta għandha ħsieb ċar u magħqud
- Il-kanzunetta imqassma sew f'dawk li huma versi, chorus eċċ
- Il-kliem tal-kanzunetta jinftiehem sew

- Kliem li jqanqal emozzjoni tas-semmiegħ
- Il-kliem tista' tkantah u memorabbli
- Il-kliem imqiegħed tajjeb flimkien, u b'rima u ritmu adattati

- Il-mużika u l-melodija iżidu l-emozzjoni tal-kanzunetta
- Il-mużika iżżomm lis-semmiegħ interessat u involut
- Il-kliem u l-mużika imżewġin sew flimkien

- Il-kanzunetta tesprimi t-tema b'mod frisk u ġdid
- Il-kanzunetta tibqa' tidwi f'widnejk
- Il-kanzunetta tappella' għall-poplu

**2.5** Il-kanzunetti b'tema vulgari u/jew ta' propaganda partiġġjana ma jiġux aċċetati.

**2.6** Persuni involuti fl-organizzazzjoni tal-festival kif wkoll id-diretturi tal-orkestra ma jistax ikollhom sehem fil-produzzjoni ta' kanzunetti li ser ikunu sottomessi fil-festival.

**2.7** Dawk il-kompożituri li għandhom il-ħsieb li jużaw l-orkestra, huma mħeġġa biex waqt li qed jikkomponu jżommu f'moħħhom li l-kanzunetti ser jiġu eżegwiti minn orkestra *live*.

## 3. IS-SOTTOMISSJONI TAL-KANZUNETTI

**3.1** Il-kanzunetta trid tkun rrekordjata fuq CD. Il-kliem għandu jkun jinftiehem u l-akkumpanjament mużikali jkun jirrifletti il-kanzunetta kif ser tkun finalment esegwita. Fl-istadju finali, ir-rikording irid ikun ukoll ta' kwalità. (Ara kriterji ta' kwalità dwar rikordings **Appendiċi A**).

**3.2** Għal kull kanzunetta jrid jiġi ppreżentat envelop A4 li jkun fih:

**(a)** rikording tal-kanzunetta fuq CD li fuqu jkun hemm miktub biss l-isem tal-kanzunetta;
**(b)** għaxar (10) kopji tal-lirika;
**(ċ)** l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni, mimlija mill-parteċipanti, iffirmata mill-awtur u kompożitur. Fl-eliminatorji din l-informazzjoni ma tkunx aċċessibli għall-ġurati.
**(d)** Ħlas ta' €50 ma' kull kanzunetta li tikkwalifika lill-parteċipanti jkunu membri tal-Għanja tal-Poplu, u b'hekk jipparteċipaw fil-festival u jkunu mistiedna għal attivitajiet oħra .

L-envelops tal-kanzunetti jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Għanja tal-Poplu, 227 Triq il-Merkanti, il-Belt, **it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2019, mill-10:30 sas-13:00 u mis-18:00 sat-20.30.**

4. L-ELIMINATORJI

**4.1** Il-ġurija tal-eliminatorji tkun magħmula minn persuni kompetenti fil-qasam tal-kanzunetta Maltija.

**4.2** Il-ġurija tal-eliminatorja tiġġudika qabelxejn il-kwalità tal-lirika u l-melodija tal-kanzunetti u r-rabta ta' bejniethom, u mhux il-preżentazzjoni jew il-kwalità akustika tagħhom. Mhux mitlub *recording demo* ta' kwalità professjonali. B'hekk parteċipant jista' jevita spejjeż żejda.

**4.3** Fl-ewwel eliminatorja, il-ġurija tagħżel numru ta' kanzunetti semi-finalisti minn fuq is-CD. Fit-tieni eliminatorja, dawn il-kanzunetti jridu jiġu interpretati *live* u minnhom il-ġurija tagħżel il-kanzunetti finalisti.

**4.4** Kanzunetta li tkun intgħażlet bħala finalista ma tistax tiġi rtirata mis-serata finali jew mis-CD uffiċjali tal-festival.

## 5. IL-FAŻI FINALI

**5.1** Kull parteċipant ta' kanzunetta ppreżentata fis-serata finali tal-festival għandu jkollu/ha sittax-il sena jew iktar sal-31 ta' Awwissu 2019.

**5.2** Kompożitur jew awtr, ma jistax ikollhom iktar minn żewġ kanzunetti fis-serata finali. Fil-kas li jgħaddu iktar minn tnejn, jintagħżlu l-aħjar tnejn.

**5.3** Kull kantant/a jista' jkanta kanzunetta waħda biss fis-serata finali. Fil-każ li kantant ikollu sehem f'iktar minn kanzunetta waħda, jiġi mitlub li jagħżel kanzunetta minnhom, filwaqt li l-awtur u l-kompożitur tal-kanzunetta l-oħra jiġu mitluba jsibu kantant ieħor.

**5.4** Fis-serata finali, il-*Malta Concert Orchestra* ser tkun għad-dispożizzjoni ta' dawk li jridu jagħmlu użu mis-servizz tagħha.

Il-parteċipanti tal-finali jridu jiddikjaraw kif ser tkun akkumpanjata l-kanzunetta. Jeżistu tliet possibiltajiet:
jew (a) li jkantaw u jakkumpanjaw il-kanzunetta l-parteċipanti stess, u jsiru l-provi meħtieġa fejn tkun assigurata l-kwalità;
jew (b) li l-parteċipanti jkantaw u jkunu akkumpanjati kompletament mill-orkestra.
jew (ċ) li jkantaw u jdoqqu strument/i u jkunu mgħejuna mill-orkestra.

**5.5** Fil-każ 5.3 (b) u (ċ), l-akkumpanjament orkestrali jista jsir mid-direttur tal-okrestra jew ikun pprovdut mill-kompożitur innifsu.

a. **Il-kumitat organizzattiv iħeġġeġ lill-kompożituri sabiex l-orkestrazzjoni ssiru minnhom stess**.
Jew
b. Il-kompożituri tal-kanzunetti finalisti jridu jipprovdu manuskritt tal-melodija bil-partitura tal-pjanu (piano score sheet) jew melodija bil-*chords* sal-Ħamis 6 ta' Ġunju 2019.

Id-diretturi tal-orkestra Pjazza Teatru Rjal ikollhom id-dritt jagħmlu/jissuġġerixxu kull tibdil u titjib meħtieġ fl-arranġamenti. F'kull kas ta' orkestrazzjoni, l-aħħar deċiżjoni hija dik tal-kumitat organizzattiv.

**5.6** Il-formazzjoni massima tal-orkestra ser tkun komposta skont kif ġej:

*1st, 2nd and 3rd Trumpets*
*Tenor Saxaphones*
*1st and 2nd Alto Saxaphones*
*1st and 2nd French Horns*
*1st and 2nd Trombones*
*Piano*
*1st and 2nd Synths / Keyboards*
*Guitar (Acoustic or Electric)*
*Bass Guitar*
*Drum Kit*
*Percussions*
*1st and 2nd violins*
*Violas*
*Cellos*

**5.7** Il-parteċipanti, jekk iħossu l-bżonn, jistgħu jipprovdu xi strumenti adizzjonali a` spejjeż tagħhom, u bi ftehim mad-diretturi tal-orkestra.

**5.8** Huwa permess li kanzunetta ikollha sa massimu ta' erba' (4) *backing vocals* li jridu jiġu pprovduti mill-istess parteċipanti.

**5.9** Grupp mużikali jista' jkun fih sa sitt (6) elementi, inklużi l-kantanti prinċipali.

## 6. APPUNTAMENTI

**6.1** Skeda ta' appuntamenti:

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2019** | **Sottomissjoni tal-kanzunetti, mill-10:30-13:00 u mis-18:00-20:30, fl-uffiċċju tal-Għanja tal-Poplu, YTC, 227, Triq il-Merkanti, il-Belt.** |
| It-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2019 | Jitħabbru l-kanzunetti semi-finalisti. |
| It-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2019 | Jinstemgħu l-ewwel sett ta' kanzunetti kantati *live* akkumpanjati mill-*playback.* |
| It-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2019 | Jinstemgħu t-tieni sett ta' kanzunetti kantati *live* akkumpanjati mill-*playback*. |
| Sal-Erbgħa, 12 ta' Ġunju, 2019 | Jitħabbru l-finalisti > Il-kompożituri jaraw li r-rikording jirrifletti dak li jixtiequ mill-orkestra. |
| Sat-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2019 | Iridu jaslu l-piano score sheets tal-kanzunetti finalisti li mhux ser jipprovdu l-arranġament mużikali. |
| Sat-Tnejn, 22 ta' Lulju, 2019 | Ir-rikordings għas-CD, u l-partituri tal-kanzunetti finalisti (jekk applikabbli) jridu jkun lesti. |
| Mill-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2019 | Provi mal-orkestra |
| **Il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu, 2019** | **Prova Ġenerali** |
| **Is-Sibt 31 ta' Awwissu, 2019** | **Il-Festival** |
| Il-Ħadd l-1 ta' Settembru, 2019 | (Il-Festival f'kas ta' temp ħażin fil-ġurnata ta' qabel) |

**6.2** Min se jieħu sehem fil-festival irid ikun lest li jattendi għas-semi-finali, l-provi u s-serati finali.

## 7. IS-SERATI FINALI

**7.1** Il-kanzunetta li titkanta fil-finali trid tkun l-istess kanzunetta, fil-lirika u l-melodija, li tkun ġiet ippreżentata fl-eliminatorja. Korrezzjonijiet wara l-eliminatorja jistgħu jsiru bl-approvazzjoni tal-kumitat organizzattiv.

**7.2** Filwaqt li wieħed għandu jippreżenta u jinterpreta l-kanzunetta bl-iktar mod xieraq għas-suġġett, ta' min ifakkar li l-esaġerazzjoni fil-moviment, fl-ilbies, fiż-żfin, fil-mima, eċċ. tista' taljena l-attenzjoni tal-udjenza mil-lirika u l-melodija, li huma l-qofol tal-kanzunetta. **Fuq il-palk permessi biss kantanti u mużiċisti.**

**7.3** Il-ġurija fis-serati finali tkun magħmula minn persuni kompetenti fil-qasam tal-kanzunetta Maltija li jkunu differenti mill-ġurija tal-eliminatorja.

## 8. IL-PREMJIJIET

**8.1** Ir-rikonoxximent tal-awturi u l-kompożituri tal-kanzunetti kklassifikati fl-ewwel tlett postijiet jikkonsisti fi trofew għall-awtur, ieħor għall-kompożitur u trofew ieħor lill-kantant/a, kif ukoll:

- €1500 lill-kanzunetta kklassifikata fl-ewwel post rebbieħa tal-Għanja tal-Poplu;
- € 800 lill-kanzunetta kklassifikata fit-tieni post;
- € 500 lill-kanzunetta kklassifikata fit-tielet post.

**8.2** L-awtur u l-kompożitur tal-kanzunetta rebbieħa tal-festival jingħatalhom it-trofew **L-Għanja tal-Poplu** li jinżamm sal-edizzjoni tal-festival ta' wara.

**8.3** Ir-rikonoxximenti jinkludu wkoll:

- trofew lill-kantant/a jew grupp bl-aħjar interpretazzjoni;
- trofew għall-oriġinalità tal-kanzunetta;
- trofew għall-aħjar kantawtur jew grupp bl-aħjar kanzunetta*

*(*Għall-iskop ta' dan il-festival KANTAWTUR tfisser "persuna /grupp li jinterpreta kanzunetta bi kliem u mużika tal-persuna / grupp stess")*

## 9. IL-PUBBLIĊITÀ U S-CD TAL-FESTIVAL

**9.1** L-Għanja tal-Poplu jżomm id-dritt li jxandar il-kanzunetti u r-rikordings tal-festival għal skop ta' promozzjoni.

Id-drittijiet tal-kanzunetta jkunu tal-Għanja tal-Poplu flimkien mal-awturi u kompożituri.

**9.2** Bħal kull sena, il-kumitat tal-festival jippubblika CD uffiċjali tal-festival bil-kanzunetti finalisti kollha. Ir-rikording finali ta' dawn il-kanzunetti jrid ikun lest sat-Tnejn 22 ta' Lulju 2019.

**9.3** L-organizzaturi tal-festival ikollhom id-dritt jinkludu l-kanzunetti finalisti fis-CD tal-festival u jbigħu s-CD.

## 10. NOTA FINALI

Dawn ir-regolamenti huma suġġetti għal tibdiliet mill-kumitat *L-Għanja tal-Poplu*. Id-deċiżjonijiet tal-bord l-Għanja tal-Poplu huma finali.

*Is-sehem tiegħek f'dan il-festival għandu jkun esperjenza pożittiva għall-karriera tiegħek. Għalhekk inħeġġuk tipparteċipa. Jekk għandek xi mistoqsija jew diffikultà, nistednuk tikkuntattjana pemezz tal-email* ghanjatalpoplu@gmail.com. *Min-naħa tagħna, se nżommuk aġġornat/a b'dak li jkun qed jiġri permezz tal-websajt* www.ghanjafest.com *u facebook: ghanjatalpoplu*

*Jekk għandek xi ħbieb li jista' jinteressahom li jieħdu sehem fil-festival, ħajjarhom jipparteċipaw. F'każ ta' diffikultà jew mistoqsijiet tista' tibgħat e-mail fl-indirizz ghanjatalpoplu@gmail.com*

© L-GĦANJA TAL-POPLU (2019)